FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Frar , 2002

**Avviz Nru:494/01 PM**

**Farrugia Maria Dolores sive Mary proprio u bhala kuratrici *ad litem* tat-tifel minuri Sylvester**

**Vs**

**Simon Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attrici pro et nomine talbet li l-konvenut jigi kkundannat li jhallas mitejn u hamsin lira Maltin (LM250.00) rapprezentanti hames skadenzi skond kuntratt esebit bhala Dok. MF1. Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub fl-avviz.

Ra l-kuntratt bejn il-partijiet mmarkat Dok. MF1.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn sostna li skond il-kuntratt bejn il-partijiet hu kellu jhallas il-manteniment izda l-attrici kellha taghti access lill-konvenut ghal binhom minuri u hi qieghda tonqos li tonora l-obbligi taghha rizultanti mill-istess kuntratt.

Il-konvenut sostna li ma kellux garanzija li l-manteniment qed jigi wzat kif miftiehem ghall-htigijet ta' ibnu.

Ra n-nota ta' l-attrici fis-sens li fis-sentenza definittiva ghandha tinghata ordni fis-sens li jitlob l-artikolu 381 (3) biex il-manteniment jithallas kollu direttament mill-*employer* tal-konvenut f'kaz ta' ezitu favorevoli ghall-attrici.

Sema x-xhieda tal-partijiet.

Illi skond il-kuntratt Dok. MF1, il-konvenut huwa obbligat ihallas lil mara s-somma ta' hamsin lira (Lm50) fix-xahar bhala mantenoment ghall-htigijiet tat-tifel minuri.

Illi l-konvenut isostni li ma jridx ihallas dan l-ammont ghax id-dritt ta' access tieghu ghat-tifel minuri mhux qed jigi rispettat.

Illi l-konvenut ma jistax jaghzel li jinjora l-kundizzjonijiet tal-kuntratt. Ghandu jhallas dak miftiehem, anki ghaliex dan huwa fl-interess tat-tifel tieghu.

Ra l-artikolu 381 (3) tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, it-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa t-talbiet attrici u jordna li l-hamsin lira Maltin (LM50) fix-xahar mis-salarju tal-konvenut jithallsu lil attrici direttament mill-*employer* tal-konvenut.

**Av. Philip Manduca**

**Gudikatur**